MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 231/2004

**Emanuel Azzopardi**

**vs**

**Vincielle u Dancan konjugi Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta’ April tas-sena 2004, li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi jirrifondu s-somma ta’ elf, tmien mija u hames Liri Maltin (Lm1,805.00) jew somma ohra verjuri, liema flus

huma mizmuma mill-konvenuti, jew min minnhom, a nom ta’ l-attur;

2. Illi minkejja interpellati sabiex jirrifondu dan l-ammont l-konvenuti baqghu inadempjenti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma wkoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’ Mejju tas-sena 2004, li permezz taghha l-konvenuti konjugi Cassar eccipew is-segwenti:

1. In-nullita` tal-azzjoni stante li hija bbazata fuq premessi illeciti kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

2. Illi l-attur ta’ somma flus lill-konvenuta Vincielle Cassar meta dina kienet xebba, u t-titolu li hija inghatat il-flus bih, ma’ kienx wiehed ta’ depositu kif qed jallega l-attur, izda l-flus inghataw b’ donazzjoni lill-imsemmija eccipjenti;

3. Illi ghalhekk stante li r-relazzjoni guridika bejn il-konvenuta Vincielle Cassar u l-attur bdiet meta l-eccipjenti kienet ghadha mhux mizzewga mal-konvenut l-iehor Duncan Cassar jirrenti lil dan ta’ l-ahhar kompletament estranju ghal dina l-kawza u huwa ghandu jigi lliberat minn l-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi per konsegwenza llum, anke jekk l-attur, fil-pessima ipotesi, ikollu t-talba tieghu milqugha, l-istess sentenza tkun wahda akkademika u ma’ tistax tkun esegwibbli fil-konfront ta’ assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Cassar;

5. Illi l-pretenzjoni tal-attur kif inghad, jekk timmerita li tigi milqugha, tista` tkun esegwibbli biss kontra l-gid

parafernali tal-konvenuta Vincielle Cassar, jekk tali gid jezisiti;

6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti inkluzi l-affidafitijiet prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legal ital-partijiet;

Tiddikjara li finalment issa qegheda f' posizzjoni li tiddetermina l-procedura odjerna skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba attrici tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jafferma li kellu relazzjoni klandestina mal-konvenuta fl-istess perjodu meta hi kienet gharusa mal-konvenut;
2. Illi matul dan il-perijodu jafferma wkoll li kien jiehu hsieb tal-konvenuta finanzjarjament;

3. Illi f' dan is-sens jafferma li kien jiddepozita ammonti ta' flus f' kont bankarju mahrug f' isem il-konvenuta;

4. Illi oltre l-kont bankarju su indikat l-attur jafferma wkoll li kien jaghti lill-konvenuta ammonti ohra fi flus kontanti;

5. Illi l-istess attur jafferma wkoll li kien anke xtara karozza gdida lill-konvenuta;

6. Illi *di piu`* jafferma wkoll li peress li kien kolpit b' sekwestu gudizzjarju u allura ma kienx possibbli ghalieh li fix-xoghol tieghu ta' mastrudaxx jithallas permezz ta' cekkijiet, kien f' okkazzjoni minnhom ta' cekk ammontanti ghal elf, tmien mija u hamest elef Lira Maltin, (Lm1,805.00) lill-konvenuta biex tmur issarrafulu;

7. Illi jafferma li minflok espletat l-istruzzjonijiet tieghu, il-konvenuta informatu li kienet fethet kont tal-bank;

8. Illi jafferma wkoll li dejjem baqa' jinsisti mal-konvenuta li hi kellha tirritornalu dan l-ammont partikolari ta' flus;

9. Illi stante li nonostante kull sforz il-konvenuta baqghet ma rrifondietx il-flus lura lill-attur, dan hass li ma kellu l-ebda alternattiva ohra hlief li jistitwixxi l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi r-risposta tal-konvenuti tista` sintetikament tigi kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenuta Cassar tafferma li l-attur kien spicca ossessjonat biha, kien mhux biss jippersegwitha meta kienet ghadha gharusa mal-konvenut, izda meta izzewgithu din il-persekuzzjoni zdiedet tant li tafferma wkoll li l-attur mar ikellem lis-sacerdot li zewweg lill-konvenuti fejn offra somma ta' flus lill-istess konvenut biex jitlaq lill-konvenuta halli jkun jista` jikkonkwistha hu;

2. Illi *di piu`,* l-ossessjoni tant kienet gravi u serja li l-attur kien jaghti lill-konvenuta diversi rigali fi flus kontanti;

3. Illi f' okkazzjoni minnhom il-konvenuta tafferma li l-attur kien ta tlett cekkijiet komplessivament ammontanti ghal elf u tmien mitt Lira Maltin, (Lm1,800.00), u infurmha

lid an l-ammont kien taghha u setghet taghmel lit rid bl-istess flus;

4. Illi l-istess konvenuta ssostni li effettivament l-iskop ta' din id-donazzjoni kien nefast ghaliex meta ra li ma setghax jikkonkwista lill-konvenuta uza l-istess donazzjoni bhala pedina rikattatorja;

5. Illi l-konvenuta tichad li l-ammont in dizamina gew moghtija lilha mill-attur bhala self;

6. Illi tafferma bl-aktar mod kategoriku lid an l-ammont gie lilha moghti mill-attur bahal rigal;

7. Illi effettivament issostni wkoll li l-perjodu meta giet intavolata din il-procedura ikkoncida mal-perjodu meta l-konvenuta bdiet b' insistenza tinforma lill-attur biex ma jimportnahhiex aktar u mal-perijodu meta zzewget;

8. Illi nonostante r-retroxena su esposta u l-intavolar u l-prosekuzzjoni tal-procedura odjerna il-konvenuta tafferma li l-attur ghadu jimportunha billi jiddedikala diski fuq l-istazzjoni *"Capitol Radio"*, fejn allura kienet kostretta tikteb lid-dirigenti tal-istess biex ma jibqghux jissekndaw lill-attur;

9. Illi l-uniku skop tal-attur meta intavola din il-kawza ma kienx li jigi rifuq l-ammont in dizamina izda li jaqla inkwiet serju familjari lill-konvenuta;

10. Illi in vista tas-suespost qed tirrespingi t-talbiet attrici bl-aktar mod robust;

Ikkunsidrat:

Illi in priuris, din il-qorti hi kostretta tiffoka preliminarjament fuq l-ewwel eccezzjoni sollevat mill-konvenuti stante li ssottomettew in-nullita` ta’ l-azzjoni stante kawza illecita;

Illi fir-rigward ghandu jinghad li l-allegazzjoni attrici hi ppermjata fuq il-fatt li l-attur jallega li kien bghat lill-konvenuta tiddepozita ammont ta’ flus f’ ismhu u minflok iddepozitathom f’ isimha;

Illi ghalhekk dan ma jinkwadrax fit-termini tal-elementi rikjesti mill-kanonizzazzjoni ta’ kawza illecita u ghaldaqstant, qed tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni ta’ natura preliminary, bl-ispejjez fir-rigward kontra l-konvenuti Cassar;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu, ghalkemm l-attur ipprezenta dokumentazzjoni kopjuza li turi li effettivament il-konvenuta Cassar kienet fethet kont f’ isimha ma bank lokali fl-ammont li hu l-meritu ta’ din il-procedura, dawn bl-ebda mod ma jindikaw ir-ragunijiet veri wara l-istess depozitu u huma biss tracci tal-passi bankarji li ttiehdu;

Illi ghalhekk iz-zewg versjonijiet sottomessi mill-protagonisti ta’ din il-vertenza jirrizultaw ugwalment kredibbli;

Ikkunsidrat:

Illi pero` mill-kumpless kollu tal-provi u minn dak li jirrizulta meta jigi analizzat il-fattur temporali, din il-qorti hi propensa li taghti affidabilita` lill-versjoni tal-konvenuta u li titratta l-versjoni tal-attur bhala sforz iddisprat ta’ persuna respinta intiz biss biex iwegga lill-min ma tahx wicc;
Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, il-konvenut Cassar jirrizulta li hu ghal kollox estraneu ghal vicissitudnijiet tal-protagonisti involuti u l-presenza tieghu f’ din il-procedura sservi biss biex izzid id-dizagg uman li ghaddej minnhu inutilment;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tiddikjara li l-versjoni tal-fatti kif esposta mill-attur u l-provi relattivi minnhu prodotti ma jikkonvincuhiex fil-grad rikjest mill-ligi f' ambitu civili, tirrespingi t-talbiex attrici kollha, takkolji t-talbiet l-ohra kollha tal-konvenuti, bl-ispejjez rimanenti kontra l-attur Emanuel Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------